

L-Erbgħa, 6 ta' Mejju 2009

Emendi għall-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006

P6_TA(2009)0354

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Mejju 2009 dwar il-proposta emendata għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali (2007-2013) (COM(2009)0171 – C6-0508/2008 – 2008/2332(ACI))

(2010/C 212 E/02)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0171),
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ⁽¹⁾ (Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikulari l-Punti 21, 22 u 23 tagħha,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2009 dwar ir-Reviżjoni ta' Nofs iż-Żmien tal-Qafas Finanzjarju 2007-2013 ⁽²⁾ u tal-10 ta' Marzu 2009 dwar il-Linji Gwida għall-proċedura tal-baġit tal-2010 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tat-Trijalogu li sar fit-2 ta' April 2009,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0278/2009),

1. Japprova l-konklużjonijiet tat-Trijalogu tat-2 ta' April 2009;
2. Jenfasizza li l-ftehim li ntlaħqet dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali hija r-riżultat tal-koperazzjoni interistituzzjonali li saret b'suċċess bħala reazzjoni għall-kriżi finanzjarja u ekonomika li għaddejnin minnha l-Istati Membri, permezz tal-promozzjoni tas-solidarjetà fil-qasam tar-riżorsi tal-enerġija u permezz tal-iżvilupp li sar għall-broadband fiż-żoni rurali kif ukoll l-appoġġ għas-settur agrikolu;
3. Ifakkar li b'din il-ftehim l-Parlament, fil-kapaċità doppja tiegħu ta' awtorità leġiżlattiva u baġitarja, iproteġa l-prijoritajiet eżistenti tiegħu, kif għamel matul il-proċedura baġitarja tal-2008 meta ntlaħqet ftehim dwar il-finanzjament tal-Galileo;
4. Jaqbel mal-kompromess politiku li jipprevedi mekkaniżmu ta' kumpens ippjanat għall-proċedura baġitarja tal-2010, kif ukoll - imma jekk ikun meħtieġ biss - għall-proċedura baġitarja tal-2011; ifakkar li, kif iddikjarat fid-Dikjarazzjoni Konġunta adottata mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni waqt it-Trijalogu tat-2 ta' April 2009, il-mekkaniżmu ta' kumpens ikun mingħajr ħsara għall-pakketti finanzjarji tal-programmi kodeċiżi u l-proċedura baġitarja annwali u se jkun iffinanzjat billi jintużaw il-mezzi baġitarji kollha li huma previsti fil-qafas legali baġitarju;
5. Itenni li d-defiċits u l-ammonti li baqgħu mhux utilizzati għad mhumiex solvuti minn dak li rriżulta min-negozjati tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 u li dawn id-defiċits għandhom ikunu indirizzati fir-reviżjoni ta' nofs iż-żmien tal-2008-2009, kif previst fid-Dikjarazzjoni 3 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, kif ukoll huma u għaddejnin il-proċeduri baġitarji annwali, jekk possibbli permezz ta' aktar flessibilità u fi kwalunkwe każ bil-mezzi kollha previsti mill-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006; ifakkar, kif iddikjarat mill-Parlament fid-dikjarazzjoni unilaterali tiegħu waqt it-Trilogu tat-2 ta' April 2009, li l-Kummissjoni, fil-proċedura ta' reviżjoni ta' nofs iż-żmien għandha tinkludi l-prinċipji mniżżla fir-Riżoluzzjoni tiegħu adottata fil-25 ta' Marzu 2009;

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁽²⁾ Testi adottati, P6_TA(2009)0174.

⁽³⁾ Testi adottati, P6_TA(2009)0095 u 0096.

L-Erbgħa, 6 ta' Meju 2009

6. Javża kontra l-użu regolari tal-marġini taħt l-intestatura 2 biex jiġu ffinanzjati intestaturi oħrajn, peress li dan jista' jipperikola l-interessi tas-settur agrikulturali, fid-dawl tat-tnaqqis mhux mistenni fil-prezzijiet tas-suq;
7. Jiġhobbih li l-ftehma mal-Kunsill intlaħqet biss xahrejn qabel ma ntemmet il-leġiżlatura, b'mod li tħalla anqas spazju għan-negożjati, u jiddispijaċih ukoll li din il-ħaġa qiegħdet lill-istituzzjonijiet taħt pressjoni, anke jekk fil-klima tas-soltu ta' koperazzjoni leali;
8. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jagħmel l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;
10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, inkluż l-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-6 ta' Meju 2009

li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Meju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali (2007-2013)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Meju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Punti 21, 22, l-ewwel u t-tieni paragrafi, u 23 tagħha,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fil-laqgħa tat-trilogu tat-2 ta' April 2009 l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu dwar l-iffinanzjar, fil-qafas tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku għall-modernizzazzjoni tal-infrastrutturi u s-solidarjetà fl-enerġija, ta' proġetti fil-qasam tal-enerġija u l-internet broadband, kif ukoll għat-tisħiħ tal-operazzjonijiet relatati mal-"isfidi ġodda" ddefiniti fil-kuntest tal-valutazzjoni tar-riforma ta' nofs iż-żmien tal-2003 tal-Politika Agrikola Komuni ("Il-Kontroll tas-Saħħa"). L-iffinanzjar jeħtieġ, bħala l-ewwel pass, li ssir reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali 2007 - 2013 skont il-Punti 21, 22 u 23 tal-Ftehma Interistituzzjonali, sabiex l-ogħla limitu għas-sena 2009 għall-approprijazzjonijiet għall-impenji taħt is-sotto-intestatura 1a jitgħolla b'ammont ta' EUR 2 000 000 000 bil-prezzijiet attwali.
- (2) Iż-żieda fl-ogħla limitu tas-sotto-intestatura 1a se tkun ibbilanċjata totalment bit-tnaqqis tal-ogħla limitu għall-approprijazzjonijiet għall-impenji taħt l-intestatura 2 għas-sena 2009 bl-ammont ta' EUR 2 000 000 000.
- (3) Sabiex tinżamm relazzjoni xierqa bejn l-impenji u l-ħlasijiet, il-limiti massimi annwali għall-approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet ser jiġu aġġustati. L-aġġustament ser ikun newtrali.
- (4) L-Anness I tal-Ftehma Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod għalhekk għandha tiġi emendata ⁽²⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁽²⁾ Għal dak il-għan, iċ-ċifri li jirriżultaw mill-ftehma msemmija hawn fuq huma maqluba għall-prezzijiet tal-2004.

L-Erbgħa, 6 ta' Mejju 2009

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdani

L-Anness I tal-Ftehma Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod huwa ssostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni

Magħmul fi Strasburgu fis-6 ta' Mejju 2009,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

QAFAS FINANZJARJU 2007-2013 RIVEDUT GĦAL PJAN EWROPEW TA' RKUPRU EKONOMIKU (PREZ-ZIJJET KOSTANTI 2004)

(miljuni ta' EUR - prezzijiet kostanti 2004)

STANZIAMENTI D'IMPEGNO	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total 2007-2013
1. Tkabbir Sostenibbli	50 865	53 262	55 883	54 860	55 400	56 866	58 256	385 392
1a Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi	8 404	9 595	12 021	11 000	11 306	12 122	12 914	77 362
1b Koeżjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi	42 461	43 667	43 862	43 860	44 094	44 744	45 342	308 030
2. Preservazzjoni u Mmaniġġjar tar-Riżorsi Naturali	51 962	54 685	52 205	53 379	52 528	51 901	51 284	367 944
li minnhom: nfiq marbut mas-suq u ħlasijiet diretti	43 120	42 697	42 279	41 864	41 453	41 047	40 645	29 305
3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja	1 199	1 258	1 380	1 503	1 645	1 797	1 988	10 770
3a Libertà, Sigurtà u Ġustizzja	600	690	790	910	1 050	1 200	1 390	6 630
3b Ċittadinanza	599	568	590	593	595	597	598	4 140
4. L-UE bħala attur globali	6 199	6 469	6 739	7 009	7 339	7 679	8 029	49 463
5. Amministrazzjoni ⁽¹⁾	6 633	6 818	6 973	7 111	7 255	7 400	7 610	49 800
6. Kumpensi	419	191	190					800
APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN TOTALI	117 277	122 683	123 370	123 862	124 167	125 643	127 167	864 169
bħala persentaġġ tal-GNI	1,08 %	1,09 %	1,07 %	1,05 %	1,03 %	1,02 %	1,01 %	1,048 %
APPROPRJAZZJONIJIET TA' ĦLAS TOTALI	115 142	119 805	110 439	119 126	116 552	120 145	119 391	820 600
bħala persentaġġ tal-GNI	1,06 %	1,06 %	0,96 %	1,01 %	0,97 %	0,98 %	0,95 %	1,00 %
Marġni disponibbli	0,18 %	0,18 %	0,28 %	0,23 %	0,27 %	0,26 %	0,29 %	0,24 %
Limitu Massimu ta' Riżorsi Proprji bħala persentaġġ tal-GNII	1,24 %	1,24 %	1,24 %	1,24 %	1,24 %	1,24 %	1,24 %	1,24 %

⁽¹⁾ In-nefqa għall-pensjonijiet inkluża fil-limitu massimu għal din l-intestatura hija kkalkolata b'mod nett wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tal-istaff għall-iskema rilevanti, fil-limitu ta' EUR 500 miljun bil-prezzijiet tal-2004 għall-perjodu 2007-2013.